Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,296, 8 ta' Ottubru, 2002
Taqsima B

A.L. 291 ta' l-2002

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (ATT NRU. XX TA' L-2001)

Regolamenti ta' l-2002 dwar l-Ogħla Livelli ta' Emissjoni Nazzjonali fil-każ ta' Ċerti Sustanzi Atmosferiċi li Jniġġsu

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att ta' l-2001 dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Ministru ta' l-Intern u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 dwar l-Ogħla Livelli ta' Emissjoni Nazzjonali fil-każ ta' ċerti Sustanzi Atmosferiċi li Jniġġsu.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Avviż magħmul skond is-subregolament (2) ta' dan ir-regolament jista' jagħmel dawk id-dispożizzjonijiet transitorji li jkunu jidhru lill-Ministru responsabbli li jkunu meħtieġa jew spedjenti in konnessjoni mad-dispożizzjonijiet li jkunu qed jingiebu fis-seħħ.

Skop.

2. L-objettiv ta' dawn ir-regolamenti hu:

(a) li jigu limitati emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu, li jibdlu sustanzi oħra f'aċidi u li jewtrofizzaw, u prekursuri ta' ozonu, biex itejjbu l-ħarsien f'Malta ta' l-ambjent u s-saħħa umana kontra riskji li jħallu effett ħażin minn aċidifikazzjoni, ewtrofizzazzjoni tal-ħamrija u ozonu fil-livell ta' l-art, u biex jimxu lejn l-objettivi fit-tul biex ma jinqabżux livelli u piżijiet kritiċi u biex ikun hemm ħarsien effettiv tan-nies kollha kontra riskji tal-ħajja magħrufin li jiġu mit-tingis ta' l-arja billi jiġu stabbiliti l-ogħla livelli nazzjonali ta' emissjonijiet, fuq il-bażi tas-snin 2010 u 2020, u permezz ta' reviżjonijiet suċċessivi kif imniżżlin f'regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti;

(b) li jigu koperti emissjonijiet f'Malta mill-għejun kollha ta' sustanzi li jniġġsu li hemm referenza għalihom fir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti u li huma riżultat ta' attivitajiet umani.

Iżda li dawn ir-regolamenti ma jkoprux:

(a) emissjonijiet minn traffiku marittimu internazzjonali;

(b) emissjonijiet minn inġenji ta' l-ispazju ħlief fiċ-ċiklu ta' l-illandjar u l-qtugħ mill-art.

Tifsiriet.

3. Għall-iskopijiet ta' dawn ir-regolamenti:

"AOT 40" tfisser is-somma tad-differenza bejn il-konentrazzjonijiet minn siegħa għal siegħa ta' ozonu fil-livell ta' l-art ogħla minn 80 µg/m³ (= 40 ppb) u 80 µg/m³ waqt is-sigħat tad-dawl tal-jum akkumulati minn Mejju sa Lulju ta' kull sena;

"AOT 60" tfisser is-somma tad-differenza bejn il-konċentrazzjonijiet minn siegħa għal siegħa ta' ozonu fil-livell ta' l-art ogħla minn 120 µg/m³ (= 60 ppb) u 120 µg/m³ akkumulati matul is-sena;

"piż kritiku" tfisser stima kwantitattiva ta' espożizzjoni għal sustanza jew aktar li jniġġsu u li qabel ma tintlaħaq ma thallix effetti sinifikanti fuq elementi sensittivi speċifikati ta' l-ambjent, safejn hu magħruf s'issa;

"livell kritiku" tfisser il-konċentrazzjoni ta' sustanzi li jniġġsu fl-atmosfera li meta tinqabeż tista' thalli effetti ħziena diretti fuq min tolqot, bħalma huma l-bnedmin, pjanti, ekosistemi jew materjal, safejn hu magħruf s'issa;

"emissjoni" tfisser it-tfigħ fl-atmosfera ta' sustanza minn punt jew għajn ta' tixrid fl-atmosfera;

"ċellula ta' grilja" tfisser kwadrat 150 km x 150 km, li hu r-riżoluzzjoni użata meta tkun qed issir mappa tal-piżijiet kritiċi fuq skala Ewropea, u wkoll meta jsir kontroll kontinwu ta' emissjonijiet u depożiti ta' sustanzi li jniġġsu l-arja li jaqgħu taħt il-Programm Kooperattiv għall-Kontroll Kontinwu u Evalwazzjoni ta' Trasmissjoni fuq medda twila ta' Sustanzi li Jniġġsu l-Arja fl-Ewropa (EMEP);

"kors ta' llandjar u qtugħ mill-art" tfisser ċiklu rappreżentat mill-ħin kif ġej f'kull modulu ta' operazzjoni: approċċ 4,0 minuti;

manuvrar/tlajjar fl-art 26.0 minuta, qtugħ mill-art 0,7 ta' minuta; tlugħ għal livell ogħla 2.2 minuti;

"l-ogħla livell ta' emissjoni nazzjonali" tfisser l-ammont massimu ta' sustanza espress f'kilotunnellati, li jista' jintefaħ fl-atmosfera tul sena kalendarja;

"ossidi tan-nitroġenu" u "NOx" ifissru ossidu nitriku u diossidu tan-nitroġenu, espressi bħala diossidu tan-nitroġenu;

"ozonu fil-livell ta' l-art" tfisser ozonu fl-aktar parti isfelnett tat-troposfera;

"komposti organiċi volatili" u "VOC" ifissru l-komposti organiċi kollha li huma riżultat ta' attivitajiet umani, minbarra l-metanu, li jistgħu jipproduċu ossidanti fotokimiċi b'reazzjoni ma' ossidi nitroġeni meta jaraw id-dawl tax-xemx;

"Awtorità Kompetenti" tfisser L-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar kif preskritta b'avviż fil-Gazzetta, jew tali korp jew persuna oħra li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista' b'ordni fil-Gazzetta jippreskrivi u korpi jew persuni differenti jistgħu jiġu hekk imsemmija bħala l-awtorità kompetenti għal dispożizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti;

L-ogħla livelli ta' emissjoni nazzjonali.

4. (a) L-Awtorità Kompetenti għandha tiżgura li sa mhux aktar mis-sena 2010 Malta għandha tillimita l-emissjonijiet annwali nazzjonali tas-sustanzi li jniġġsu diossidu tal-kubrit (SO2), ossidi tan-nitroġenu (NOx), komposti organiċi volatili (VOC) u ammonja (NH3) għal ammonti li ma jaqbżux l-ogħla livelli ta' emissjoni mniżżlin fi Skeda I li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, waqt li jitqiesu l-modifiki li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jadottaw fil-futur.

(b) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-ogħla livelli ta' emissjoni mniżżlin fi Skeda I hawnhekk ma jinqabżu f'ebda sena wara l-2010.

Objettivi ambjentali temporanji.

5. L-ogħla livelli nazzjonali ta' emissjoni fi Skeda I li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandu jkollhom bħala skop tagħhom li jilħqu b'mod ġenerali sa l-2010 l-objettivi ambjentali temporanji li ġejjin għal Malta:

(a) Aċidifikazzjoni– Iz-zoni fejn piżijiet kritiċi jinqabżu għandhom jitnaqqsu b'mill-inqas b'50 % f'kull ċellula ta' grilja meta mqabblin mas-sitwazzjoni fl-1990;

(b) Espożizzjoni għal ozonu f'livell ta' l-art relatata mas-saħħa– Il-piż ta' l-ozonu f'livell ta' l-art ogħla mil-livell kritiku għas-saħħa umana (AOT60=0) għandu jitnaqqas b'żewġ terzi fiċ-ċelluli tal-grilja kollha meta mqabblin mas-sitwazzjoni fl-1990. Barra minn hekk, il-piż ta' ozonu f'livell ta' l-art m'għandux jaqbeż limitu assolut ta' 2,9 ppm.h f'kull waħda miċ-ċelluli tal-grilja; u

(ċ) Espożizzjoni ta' ozonu f'livell ta' l-art relatata mal-veġetazzjoni– Il-piż ta' ozonu f'livell ta' l-art ogħla mil-livell kritiku għal uċuħ tar-raba' u veġitazzjoni semi-naturali (AOT40=3 ppm.h) għandu jitnaqqas b'terz fiċ-ċelluli tal-grilja kollha meta mqabblin mas-sitwazzjoni fl-1990. Barra minn hekk, il-piż ta' ozonu f'livell ta' l-art m'għandux jaqbeż limitu assolut ta' 10 ppm.h, espress bħala eċċess fuq il-livell kritiku ta' 3 ppm.h f'kull waħda miċ-ċelluli tal-grilja.

Programmi nazzjonali.

6. (1) L-awtorità kompetenti għandha tfassal programmi għat-tnaqqis progressiv ta' emissjonijiet nazzjonali tas-sustanzi li jniġġsu li hemm referenza għalihom fir-regolament 4 bl-iskop li għallinqas jikkonformaw ma' l-ogħla livelli ta' emissjonijiet nazzjonali mniżżlin fi Skeda I mill-inqas sa l-2010.

(2) Il-programmi nazzjonali għandhom jinkludu informazzjoni fuq pratki u miżuri adottati u maħsuba għall-quddiem u stimi kwantitattivi ta' l-effett ta' dawn il-pratki u miżuri fuq emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu fl-2010:

Iżda bidliet sinifikanti antiċipati fid-distribuzzjoni ġeografika ta' emissjonijiet nazzjonali għandhom ikunu indikati.

(3) L-awtorità kompetenti għandha taġġorna u tirrevedi l-programmi nazzjonali skond il-ħtieġa sa l-1 ta' Ottubru, 2006.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tagħti aċċess lill-pubbliku u lil organizzazzjonijiet adatti bħal organizzazzjonijiet ambjentali għall-programmi mfasslin skond is-subregolamenti (1), (2) u (3) ta' dan ir-regolament:

Iżda kull informazzjoni li jingħata aċċess għaliha l-pubbliku u organizzazzjonijiet taħt dan il-paragrafu, għandha tkun ċara, tiftiehem u faċilment aċċessibbli.

Inventarji u projezzjonijiet ta' emissjoni.

7. (1) L-awtorità kompetenti għandha tipprepara u taġġorna kull sena inventarju ta' emissjoni nazzjonali u projezzjonijiet ta' emissjoni għall-2010 għas-sustanzi li jniġġsu li hemm referenza għalihom f'regolament 4.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-inventarji u l-projezzjonijiet ta' emissjoni tagħhom bl-użu tal-metodoloġiji speċifikati fi Skeda III li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Kooperazzjoni ma' terzi pajjiżi.

8. Biex tippromwovi l-ksib ta' l-objettivi mniżżlin f'regolament 1 ta' dawn ir-regolamenti, l-awtorità kompetenti għandha ssegwi skond ma jkun adatt kooperazzjoni bilaterali u multilaterali ma' terzi pajjiżi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti bħalma huma l-*United Nations Economic Commission for Europe (UNECE)*, l- *International Maritime Organization (IMO)* u l-*International Civil Aviation Organization (ICAO)*, inkluż, permezz ta' l-iskambju ta' informazzjoni, dwar riċerka u żvilupp tekniċi u xjentifiċi u bil-għan li ttejjeb il-bażi biex jitħaffef it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet.

Reati.

9. Persuna tkun ħatja ta' offiża taħt dawn ir-regolamenti jekk:

(a) tonqos li tikkonforma ma' xi kondizzjoni tal-permess jew ma' xi ordni mogħtija legalment fit-termini ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) tikkontraveni xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) taġixxi b'mod li tikkontraveni xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti; jew

(d) tikkospira jew tipprova, jew tgħin, jew tħeġġeġ, xi persuna oħra b'xi mezz hu x'inhu, inkluż reklamar, għoti ta' parir jew akkwist biex tikkontraveni d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew biex tonqos milli tikkonforma ma' xi tali dispożizzjoni, inkluża kull ordni mogħtija legalment fit-termini ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tikkontraveni xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt ir-regolamenti msemmija.

Pieni.

10. Kull persuna li tagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti tista', meta tinsab ħatja, tehel:

(a) meta tinsab ħatja l-ewwel darba, għal multa ta' mhux inqas minn ħames mitt lira iżda mhux aktar minn elf lira;

(b) meta tinsab ħatja t-tieni darba jew aktar, għal multa ta' mhux inqas minn elf lira, iżda mhux aktar minn elfejn lira jew priġunerija għal żmien mhux aktar minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda l-qorti għandha tordna lil kull persuna li tkun instabet ħatja li kkommettiet reat kontra dawn ir-regolamenti biex tħallas l-ispejjeż magħmulin mill-awtorità kompetenti b'riżultat ta' dak ir-reat, ir-revoka tal-permess maħruġ mill-awtorità kompetenti u l-konfiska tal-*corpus delicti*.

Applikabilità ta' Kap 9.

11. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' artikli 23 u 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal proċeduri fir-rigward ta' reati kontra dawn ir-regolamenti, iżda b'mod li l-iskwalifika li wieħed ma jżommx jew ma jingħatax lienza, permess jew awtorità ma tkun f'ebda każ għal inqas minn sena.

(2) Minkejja d-diżpożizzjonijiet ta' l-artiklu 370 tal-Kodiċi Kriminali, proċeduri fir-rigward ta' reati kontra dawn ir-regolamenti għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond il-każ, u jitmexxew skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem il-qrati msemmija bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.

(3) Minkejja d-diżpożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' l-appell quddiem il-Qorti ta' Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar proċedimenti għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti.

Lingwa ta' l-Iskedi.

12. Skedi I sa III ta' dawn ir-regolamenti qed ikunu ppubblikati bil-lingwa Ingliża mat-test Ingliż ta' dawn ir-regolamenti.

ANNEX I

Table: National Emission Ceilings for Malta – 2010

Reference Document	SOx (tons)	NOx (tons)	VOC (tons)	NH3 (tons)
DOC 1	.....	.....	12,000	.....
DOC 2	7979	3367	.....	.....
DOC 3	147	2597	.....	
DOC 4 & 5	.....	.....	.....	3081
DOC 6	.....	.....	12	.....
DOC 7	4	.....	.....	.....
Other mobile sources e.g. aircraft and machinery	600	1535	118	.....
TOTALS	**8730**	**7499**	**12,130**	**3081**

Note: Regarding the above 2010 projections one can only arrive at accurate figures when the abatement strategies and national plans are made known.

ANNEX II

Methodologies for emission inventories and projections

MALTA shall establish emission inventories and projections using the methodologies agreed upon by the Convention on Long-range Transboundary Air Pollution and shall use the joint EMEP/CORINAIR(*) guidebook in preparing these inventories and projections.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni – 3, Pjazza Kastilja – *Published by the Department of Information – 3, Castille Place*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern – *Printed at the Government Printing Press*
Prezz 14c – *Price 14c*